IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

MT

# Diskors

**Il-Lussemburgu, l-10 ta' Ottubru 2019**

## Diskors minn Klaus-Heiner Lehne, President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

**Preżentazzjoni tar-Rapport Annwali 2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri lill-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (ECOFIN)**

**Il-Lussemburgu, l-10 ta' Ottubru 2019**

**Id-diskors proprju jitqies bħala awtentiku.**
**Il-verżjoni mitkellma għandha tieħu preċedenza.**


# ECA Press

**12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg**
**E: press@eca.europa.eu @EUAuditors eca.europa.eu**

President,

Ministri,

Sinjuri,

Bħala President tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, nixtieq nirringrazzjakom talli sibtu l-ħin għar-Rapport Annwali 2018 tagħna, li fih aħna nippreżentawlkom il-valutazzjoni li wettaqna tal-istat tal-ġestjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea.

Aħna awditjajna l-kontijiet konsolidati tal-UE għall-2018. Fil-fehma tagħna, huma jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-UE.

Għal dak li jirrigwarda d-dħul dovut lill-baġit tal-UE, aħna ma qbadna l-ebda livell materjali ta' żball. Għaldaqstant, għal darb'oħra, aħna qed noħorġu opinjoni mhux kwalifikata dwar ir-regolarità tal-parti tal-baġit tal-UE li tikkonċerna d-dħul.

Għal dak li jirrigwarda l-infiq, aħna qed nerġgħu noħorġu opinjoni kwalifikata tal-awditjar dwar ir-regolarità tal-pagamenti, hekk kif għamilna għal dawn l-aħħar sentejn. Fi kliem ieħor, l-iżbalji li sibna fl-awditjar li wettaqna ma kinux pervażivi, u għalhekk ma jirriżultawx fi preżentazzjoni mhux preċiża tal-pożizzjoni finanzjarja reali tal-UE.

Din hija waħda mis-sejbiet ewlenin tal-awditi li wettaqna, billi tikkonferma li l-ġestjoni finanzjarja tal-UE tjiebet b'mod kostanti matul dawn l-aħħar ftit snin. Il-fatt li mhux il-Kummissjoni biss iżda anke l-Istati Membri rnexxielhom isostnu l-progress li ġie osservat f'dawn l-aħħar sentejn huwa sinjal inkoraġġanti.

"Opinjoni kwalifikata" tfisser "iva, iżda". *Iva*, il-pagamenti kienu prinċipalment regolari, *iżda* għad hemm xi problemi.

Fil-qasam tal-infiq, it-"titolu ewlieni" tradizzjonali tad-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tagħna, aħna nistmaw li l-livell ta' żball huwa ta' 2.6 %[1]. Dan ifisser li aħna nistmaw li 2.6 % tal-pagamenti ma kellhomx isiru minħabba li ma ntużawx skont ir-regoli tal-UE. Livell ta' żball li jkun ogħla minn 2 % jitqies bħala materjali.

Madankollu, qatt mhu se nixba' nirrepeti, li dan ma jfissirx li nħlew 2.6 % tal-pagamenti li saru mill-baġit tal-UE. Anke meta r-regoli għal ċertu pagament ma jkunux ġew segwiti, dan l-infiq xorta waħda seta' jilħaq l-iskop tiegħu f'dan il-każ partikolari.

Fil-preżentazzjoni ta' din l-istima kumplessiva, irid jiġi enfasizzat li parti sinifikanti mill-infiq li aħna awditjajna ma kellhiex livell materjali ta' żball. B'mod partikolari, madankollu, din l-istima kumplessiva toskura distinzjoni importanti: il-mod kif il-fondi jiġu żborżati għandu impatt kbir fuq ir-riskju ta' żball. Inti tista' ssib dan l-għarfien utli għall-leġiżlazzjoni futura.

---

[1] Limitu inferjuri: 1.8 %, livell ta' żball stmat: 2.6 %, limitu superjuri: 3.4 %. Il-Kapitolu 1.15 tar-Rapport Annwali.

Fil-każ tal-infiq li huwa suġġett għal regoli kumplessi, l-istima tal-livell ta’ żball hija ta’ 4.5 %, li hija relattivament għolja. Dan l-infiq jirrappreżenta madwar nofs il-baġit tal-UE[2]. Huwa jirrigwarda prinċipalment “pagamenti bbażati fuq rimborżi”, fejn il-benefiċjarji jridu jippreżentaw klejms għal spejjeż eliġibbli li huma jkunu ġarrbu – bħal pereżempju proġetti ta’ riċerka jew proġetti fl-iżvilupp reġjonali u rurali.

B’kuntrast ma’ dan, ir-riskju ta’ żball huwa aktar baxx għall-infiq li huwa suġġett għal regoli aktar sempliċi, li huwa prinċipalment “pagamenti bbażati fuq drittijiet”. Hawnhekk, il-benefiċjarji jirċievu pagament jekk jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet – bħal pereżempju, għajnuna diretta għal bdiewa jew fellowships għall-istudenti.

Sinjuri,

Matul iż-żjarat tiegħi fil-bliet kapitali Ewropej, diġà kelli l-opportunità li ninforma personalment li xi wħud minnkom dwar il-bidla fl-approċċ meħud mill-Qorti tal-Awdituri bħala parti mill-istrateġija pluriennali tagħha. Jien ma kelli xejn għajr feedback pożittiv u appoġġ, u ta’ dan jien grat ħafna lejkom.

Il-Qorti tal-Awdituri għandha l-għan li tibbaża d-dikjarazzjoni ta’ assigurazzjoni tagħha fuq approċċ ta’ attestazzjoni. Dan ifisser li fil-futur, aħna għandna l-intenzjoni li nanalizzaw ix-xogħol tal-awditjar imwettaq minn oħrajn, b’mod partikolari dak tal-Kummissjoni, li hija stess tibbaża fuq il-kontrolli proprji tagħha u fuq dawk li jitwettqu fil-livell nazzjonali permezz ta’ ġestjoni kondiviża, minflok ma nwettqu aħna stess awditi li qed isiru dejjem aktar impenjattivi fi kwalunkwe każ fejn oħrajn ikunu diġà wettqu dan ix-xogħol.

Fi kliem ieħor, aħna biħsiebna nużaw ix-xogħol li jkun diġà sar minn oħrajn – dment li r-riżultati tagħhom ikunu affidabbli. Mir-Rapport Annwali tagħna, intom se taraw li ta’ spiss aħna nikkritikaw ħafna mill-kontrolli li jitwettqu mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni (pereżempju, hemm madwar 126 awtorità differenti li huma involuti fl-awditjar tan-nefqa għal Koeżjoni fil-livell nazzjonali). Ta’ spiss, dan jagħmilha diffiċli li wieħed juża u joqgħod b’mod saħansitra aktar estensiv fuq ir-riżultati ta’ dan ix-xogħol. Barra minn hekk, ta’ min isemmi wkoll li l-Kummissjoni qed tagħmel sforzi konsiderevoli biex tkompli ttejjeb ix-xogħol li diġà sar minn diversi awtoritajiet nazzjonali.

Għalhekk, aħna qed nagħtu prijorità lix-xogħol imwettaq mal-Kummissjoni biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex nimxu lejn l-attestazzjoni. Nixtieq nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja lill-Kummissarju Oettinger għall-appoġġ tiegħu, u ninsab ħerqan li nkomplu dan il-proċess mas-suċċessur tiegħu.

Issa nixtieq nitkellem dwar id-diversi intestaturi ta’ politika u nixtieq nenfasizza xi wħud mis-sejbiet ewlenin tagħna.

Għall-intestatura “Kompetittività” tal-QFP, aħna sibna li meta mqabbel mas-sena l-oħra l-iżbalji kienu sostanzjalment ħafna inqas (2 %). L-ispejjeż għall-persunal li kienu ineliġibbli għadhom is-sors prinċipali ta’ żbalji fil-qasam tar-riċerka.

Għal Koeżjoni Ekonomika u Soċjali, aħna stmajna livell ta’ żball ta’ 5 %. L-għadd u l-impatt tal-iżbalji li qbadna juru li għad hemm dgħufijiet persistenti fir-rigward tar-regolarità tal-infiq iddikjarat mill-awtoritajiet maniġerjali nazzjonali. L-

[2] 50.6 %

infiq ineliġibbli fuq il-proġetti kien problema ewlenija, u dan ġie aggravat mill-fatt li ċerti pajjiżi żiedu kundizzjonijiet nazzjonali oħra mal-kundizzjonijiet diġà kumplessi tal-UE ("regolamentazzjoni żejda").

Għal Riżorsi Naturali, aħna stmajna livell ta' żball ta' 2.4 %, li kien taħlita ta' spejjeż ineliġibbli ddikjarati, informazzjoni mhux preċiża dwar l-erjas jew l-annimali, problemi relatati mal-akkwist pubbliku u żbalji amministrattivi. Madankollu, il-pagamenti diretti fl-intier tagħhom kienu ħielsa minn żball materjali. Din hija aħbar tajba.

Għal Sigurtà u Ċittadinanza, aħna niġbdu l-attenzjoni għal dgħufijiet fl-applikazzjoni tar-regoli tal-akkwist pubbliku, iżda wkoll għal dgħufijiet fl-Istati Membri li jikkonċernaw il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Asil u l-Fond għas-Sigurtà Interna.

Sinjuri,

Ix-xogħol tal-awditjar li ppreżentajtilkom illum juri li għalkemm għad hemm ħafna problemi, għat-tielet sena konsekuttiva l-UE qed tissodisfa b'mod konsistenti l-istandards għoljin tal-obbligu ta' rendikont u tat-trasparenza f'dak li jirrigwarda l-infiq ta' fondi pubbliċi.

Madankollu, minħabba li l-Unjoni qed ikollha tiffaċċja sfidi dejjem akbar b'baġit ta' madwar 1 % biss tal-Introjtu Nazzjonali Gross iġġenerat mill-Istati Membri kollha flimkien, huwa kruċjali li l-infiq tal-UE ma jkunx biss legali u regolari, iżda jwassal ukoll għal riżultati. Barra minn hekk, fil-futur, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri se tagħti saħansitra aktar attenzjoni mill-qrib proprju lil dan l-aspett.

Il-fokus tagħna huwa fuq il-valur miżjud tal-azzjoni Ewropea. Kull euro li jintnefaq fil-livell Ewropew huwa mistenni li jipprovdi valur miżjud li kieku ma jinkisibx kieku l-fondi jintnefqu fil-livell nazzjonali jew dak reġjonali.

Napprezza jekk tkunu tistgħu tappoġġawna f'dan ir-rigward billi taqsmu magħna l-ideat u s-suġġerimenti tagħkom għax-xogħol futur tagħna.

Nixtieq nikkonkludi billi nirringrazzja lill-presidenza Finlandiża tal-Kunsill. Il-kooperazzjoni u l-interazzjoni tagħna magħkom kienu eċċellenti, u jien naħseb li dawn kienu ta' benefiċċju reċiproku. Nittama li din il-kooperazzjoni eċċellenti tkompli s-sena d-dieħla taħt il-presidenza Kroata tal-Kunsill, u ninsab ħerqan li nagħmel dan.

Grazzi tal-attenzjoni tagħkom. Ninsab għad-dispożizzjoni tagħkom għal kwalunkwe mistoqsija jew kumment li jista' jkollkom.